MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 333/2011

**GasanMamo Insurance Limited**
**Vs**
**Awtorita Transport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentati fid-19 ta' April, 2011 fejn is-socjeta' attrici talbet it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-Awtorita konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u erbgha u sebghin ewro u tlettax-il ewro centezmu (€374.13) rapprezentanti danni kagonati f'incident awtomobilistiku tal-20 ta' Frar, 2009, fi triq Fleur de Lys , Birkirkara, f'liema incident kienet involuta l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAO 293 misjuqa minn u proprjeta ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici,, Carmelo Mamo, liema vettura kienet assikurata taht polza '*comprehensive*' mas-socjeta' attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagonati fuq il-vettura tal-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-Awtorita konvenuta stante illi l-vettura in kwistjoni waqghet go hofra fonda u skabruza illi thalliet fuq wicc it-triq in kwistjoni minghajr senjalagg adekwat, u dana unikament

b’negligenza, nuqqas ta’ prudenza, u imperizja da parti tal-Awtorita’ konvenuta.
Is-somma mitluba f’danni tinkludi l-ammont ta’ hamsa u hamsin ewro (€55) imhallsa bhala *Excess* mill-assikurat tas-socjeta’ attrici.
Interpellata sabiex thallas permezz ta’ ittra ufficjali datata 11 ta’ Settembru, 2009, l-Awtorita konvenuta baqghet inadempjenti.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra ufficjali tal-11 ta’ Settembru, 2009 u bl-imghax pagabbli mill-11 ta’ Settembru, 2009, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-Awtorita konvenuta.
Illi b’risposta pprezentata fit-30 ta’ Mejju, 2011 l-Awtorita ghat-Transport f’Malta eccepiet illi l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tal-atturi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-atturi.
Xehed Carmelo Mamo li qal illi fit-23 ta’ Frar, 2009 kellu incident awtomobilistiku u mar jaghmel rapport l-ghassa ta’ B’Kara. Kien ghaddej minn Triq Fleur de Lys lejn b’Kara. Dak inhar kienet ix-xita u waqt li kien ghaddej ha tlett skossi li wahda minnhom kienet kbira tant illi wara ftit waqfitlu l-karrozza. ix-xhud jghid illi cempel lir-ragel tat-tifla biex jigbdu u hadu l-karrozza d-dar. It-Tnejn mar l-ghassa u ghand l-*insurance* biex jaghmel il-*claim*. Il-hsarat kienu jikkonsistu filli inqalalu x-xaft u inkissret ir-rota. Dan kien konstatat kemm mill-mechanic kif ukoll mis-surveyor.
In kontroezami jghid illi l-incident sehh vicin it-triq li tghati ghal kunvent tal-patrijiet. Jghid ukoll illi din il-karrozza juzaha kuljum. Mistoqsi jekk qablu kienx hemm karrozzi jghid illi kien hemm karrozza tal-linja, pero bejnu u bejn din il-karrozza tal-linja kien hemm ftit distanza. Spjega wkoll fejn kienu l-hofor u kemm kienu l’boghod minn xulxin. Spjega wkoll illi minkejja li r-ritratti ma hadhomx dak inhar stess hu xorta gharaf fejn kien gara l-kaz u sab it-toqob.
Xehdet WPC 157 Stephanie Zammit li kkonfermat li Carmelo Mamo mar l-ghassa jaghmel rapport. Qalet illi Mamo qal li kien ghaddej bil-vettura tieghu Hyundai AAO 293 u waqt illi kien ghaddej minn Triq Fleur de Lys ghadda minn xi hofor u ghamel hsara fuq quddiem tal-

karrozza. Mistoqsija jekk kienx incidenti ohra f'din it-triq ix-xhud tghid illi jkollhom hafna incidenti minhabba hofor.

Xehed Joseph Buttigieg li huwa *motor car surveyor* u li spezzjona l-karrozza ta' Carmelo Mamo tal-marka Hyundai Accent bin-numri tar-registrazzjoni AAO 293. Kien gie inkarigat minn Gasan Mamo Insurance. Din il-vettura kellha hsara fic-*chassis* taghha. In kontroezami jghid illi c-*chassis* minkejja li ma kienx gdid ma kellu l-ebda sinjali ta' *corrosion* jew hsarat ohra. Jghid illi l-hsara ma setghetx tigi minn *wear and tear* ghax kienet evidenti li kienet daqqa.

Xehed ukoll il-Perit Edric Micallef li huwa l-Manager tat-Transport Malta. Ikkonferma illi Triq Fleur de Lys hija triq arterjali u taqa taht il-kompetenza ta' Transport Malta u fiha jsiru *inspecetions* regolari, anki kull gimgha. Ghamel riferenza ghal *field officer* Twanny Bugeja. Jghid illi fid-29 ta' Jannar, 2009 intbaghtet ordni lill-kuntrattur biex isewwi *pot holes* f'din it-triq u dan qalu minn notamenti li sab fil-*file*. Kien hemm *order* ohra fid-9 ta' Marzu, 2009 f'din it-triq. San ix-xhud ma kienx jaf jekk wara id-29 ta' Jannar, 2009 saritx *inspection* ohra. Ix-xhud jghid illi bhala procedura wara li jsiru x-xogholijiet imur *field officer* jispezzjona x-xoghol. In kontro ezami jghid illi din kienet l-unika *claim for compensation* f'din it-triq mit-2007.

Xehed Twanny Bugeja li huwa *field officer* u johrog mill-ufficju jdur it-toroq li jaqghu taht l-Awtorita. L-*area* ta' dan il-*field officer* hija c-*central area*. Wara li jduru t-toroq u jaraw l-istat taghhom jidhlu l-ufficju u jirrappurtaw dak li raw matul il-gurnata. Minn Fleur de Lys jghaddi kull gimgha u kien ghamel rapport fid-29 ta' Jannar, 2009. Wara tinhareg *works order* u tghaddi ghand il-kuntrattur li jkollu *tender*. Ix-xhud jghid illi dan ix-xoghol kien iccekkjah. Jghid ukoll illi fuq din it-triq ma kellux iktar rapport hlief fid-9 ta' Marzu, 2009.

Xehed Nicholas Baldacchino li huwa Manager Legal Support Road & Infrastructure Directorate. Qal illi minn stharrig li ghamel irrizulta illi l-*work order* tad-29 ta' Jannar, 2009 saret b'mod pjuttost urgent mill-ADT, u dan peress illi ntuza l-*cold asphalt*. Ix-xoghol tnizzel li kellu jdum biex isir 24 siegha. L-*invoice* li tikkorrispondi ma din il-*works order* datata 6 ta' Marzu, 2009 pero l-*patching* dam jumejn. Jispjega illi meta jsiru l-hlasijiet dawn

jingemghu u l-kuntrattur ma jithallasx wara kull xoghol li jaghmel.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati hu tal-fehma li Carmelo Mamo ta' spjegazzjoni tajba ta' fejn kein wasal fi Triq Fleur De Lys meta ghalhekk x-xhieda tieghu kombinata mar-ritratti tat-triq li pprezenta fejn tidher ukoll il-hofra jikkonvinci li l-hofra kienet tezisti fil-post imsemmi.

Ir-responsabbilta tal-Awtorita tohrog mill-provi taghha stess meta tghid illi sewwiet fid-29 ta' Jannar, 2009 bil-*cold asphalt* mentri l-hofra regghet kienet prezenti fit-triq fl-20 ta' Frar, 2009. Dan jidher illi dejjem jekk sar ix-xoghol allura x-xoghol ma sarx bil-ghaqal bizzejjed biex iservi tul ta' zmien. Ix-xhud jghid illi kienet ix-xita, dejjem jista jkun il-fatt illi tant ma kienx sar tajjeb ix-xoghol illi bix-xita nqala l-*cold tarmac* kif huwa saput li jigri. Gia la darba l-Awtorita qalet illi din it-triq taqa taht l-Awtorita taghha u allura Carmelo Mamo ma kellu jgib ebda prova ohra sabiex jistabilixxi nuqqas ta' manutenzjoni tal-Awtorita. L-hofra prezenti hija xhieda bizzejjed.

Fir-rigward ta' *speed* illi kien ghaddej bih Carmelo Mamo wiehed jista jikkalkula kemm setgha kien qed isuq b'velocita eccessiva meta qal huwa stess qal illi kienet ix-xita. Dan ukoll jghodd ghall fatt illi gia la darba kienet ix-xita Carmelo Mamo ma kienx f'posizzjoni li jevita l-hofra u l-hsarat sussegwenti. Dan johrog mill-fatt ukoll din kien kienet l-unika darba li Carmelo Mamo garrab dawn il-hsarat u qal illi juza t-triq ta' sikwit allura drabi ohra setgha jinnota l-hofor u jevitahom.

It-Tribunal jinnota illi l-Awtorita fis-sottomissjonijiet taghha tghid illi ma giex pruvat illi l-Awtorita kienet taf jew b'mod ragonevoli kienet mistennija lit kun taf il-kundizzjoni tat-triq. Dan minkejja l-fatt illi l-*field officer* tal-Awtorita meta xehed qal illi johrog kuljum mill-ufficju u x-xoghol tieghu hwua li jifli l-kundizzjoni tat-toroq u jirrapporta. Mela allura kienet mistennija li l-Awtorita tkun taf.

Ghal dawn il-motivi u ragunijiet it-Tribunal jiddecidi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna l-Awtorita konvenuta thallas is-somma ta' tlett mija u erbgha u sebghin ewro u tlettax-il centezmu (€374.13) lis-socjeta' attrici bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a kariga tal-Awtorita konvenuta inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali tal-11 ta’ Settembru, 2009.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------